**MT**


MT

Il-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 25.5.2010
KUMM(2010)253 finali

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-KUMITAT SOĊJALI U EKONOMIKU EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI

# RAPPORT TAL-PROGRESS DWAR IS-SUQ WAĦDIENI EWROPEW TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI GĦALL-2009 (IL-15-IL RAPPORT)

SEG(2010)630

## 1. INTRODUZZJONI

Din il-Komunikazzjoni tirraporta dwar l-iżviluppi fis-suq u dawk regolatorji fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fl-2009[1].

Filwaqt li l-qafas regolatorju attwali tal-UE ġab miegħu benefiċċji għaċ-ċittadini Ewropej fir-rigward ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li huma innovattivi u bi prezz kompetittiv, xorta għad iridu jintgħelbu xi ostakli serji. Għad hemm tħassib dwar l-indipendenza u l-effettività tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (NRAs). Id-differenzi sinifikanti fi prezzijiet bl-ingrossa u bl-imnut fl-Istati Membri ma jistgħux jiġu ġġustifikati mill-karatteristiċi tas-swieq biss imma huma wkoll ir-riżultat ta' approċċi regolatorji differenti. Pereżempju, it-tariffi bl-ingrossa għat-terminazzjoni tas-sejħiet bil-mowbajl fil-ħames Stati Membri bl-aktar tariffi għoljin huma medja ta' 2.5 drabi ogħla milli fil-ħames Stati Membri bl-aktar tariffi baxxi. Bl-istess mod, il-medja tal-prezz bl-imnut tal-komunikazzjoni bil-mowbajl kull minuta hija kważi erba' darbiet ogħla bħala medja fil-ħames Stati Membri bl-ogħla tariffi meta mqabbla mal-ħames tariffi l-inqas għoljin. Dawn id-differenzi jkomplu jikbru meta ma jiġux applikati rimedji b'mod konsistenti, f'waqthom, trasparenti u li jistgħu jitbassru kif ukoll min-nuqqas tal-kapaċità tal-NRAs li jaġixxu meta kkonfrontati bi żviluppi teknoloġiċi u kummerċjali ġodda. Il-konsumaturi u n-negozji għadhom qed iħabbtu wiċċhom ma' 27 suq differenti u għalhekk mhumiex f'pożizzjoni li jgawdu l-vantaġġ tal-potenzjal ekonomiku ta' suq waħdieni.

Is-swieq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi bħat-telefonija bil-vuċi qed jimmaturaw u t-tkabbir fis-settur qed jimxi aktar bil-mod. It-tkabbir sostenibbli fil-futur jeħtieġ innovazzjoni fis-servizzi u mudelli kummerċjali ġodda. Huwa tal-akbar importanza li nimxu lejn l-ambjent tal-ġenerazzjoni li jmiss, bl-opportunitajiet u l-isfidi tiegħu. Din it-tranżizzjoni teħtieġ investiment sinifikanti fit-titjib tal-kapaċità tan-netwerks fissi u mobbli.

Fit-19 ta' Mejju 2010, taħt il-kappa tal-istrateġija Ewropa 2020[2], il-Kummissjoni adottat Aġenda Diġitali[3] li stabbilixxiet għadd ta' miżuri ta' politika biex jagħtu spinta lill-ekonomija diġitali, biex jistimulaw it-tranżizzjoni għal ambjent b'veloċità għolja u biex isaħħu s-suq waħdieni onlajn. Jeħtieġ li dawn il-miżuri jkunu akkumpanjati minn approċċi regolatorji konsistenti u mill-infurzar effikaċi ta' rimedji. Barra minn hekk, il-qafas regolatorju rivedut[4] li daħal fis-seħħ fid-19 ta' Diċembru 2009 jeħtieġ li jkun traspost u applikat sew fi żmien xieraq mill-Istati Membri.

## 2. ŻVILUPPI FIS-SUQ

Minkejja li s-settur irreżista sew għall-kriżi ekonomika fl-2009, il-maturazzjoni tas-swieq tradizzjonali bħat-telefonija bil-vuċi fissa u mobbli tippreżenta sfidi sinifikanti għat-tkabbir. Ir-rata mgħaġġla tat-tkabbir li rajna wara l-liberalizzazzjoni bdiet tonqos fis-snin reċenti. Iż-żidiet fid-dħul finanzjarju mill-komunikazzjoni tad-dejta għadhom mhux qed jikkumpensaw għat-tnaqqis fid-dħul mill-komunikazzjoni bil-vuċi.

---

1 Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor is-sitwazzjoni hija deskritta kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2009 u d-dejta tas-suq hija dik li kienet tapplika fl-1 ta' Ottubru 2009.

2 COM (2010) 2020

3 Aġenda Diġitali għall-Ewropa

4 ĠU L 337, 18.12.2009

Il-klima ekonomika dgħajfet l-infiq tal-utent. Madankollu, pjanijiet kbar ta' tnaqqis ta' spejjeż flimkien ma' fatturi bħal mudelli kummerċjali abbażi ta' prodotti b'rata fissa żguraw il-profitabbiltà kontinwa. L-investiment naqas u fil-biċċa l-kbira kien iffokat fuq netwerks fissi. Madankollu, f'ħafna pajjiżi, l-investiment f'netwerks ta' aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss għadu limitat, minkejja li kien xprunat mill-kompetizzjoni tat-teknoloġija tal-kejbil u minn investimenti mill-awtoritajiet lokali. Filwaqt li jista' jkun diffiċli li wieħed jirritorna għar-rati ta' tkabbir tal-passat, hemm prospetti tajbin li jinkisbu rati ta' tkabbir pożittivi fl-2010/2011, grazzi għall-irkupru tal-PGD u żieda fl-infiq tal-utent.

Fl-2008, id-dħul finanzjarju fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi laħħaq l-EUR 351 biljun fl-UE, li b'mod ġenerali jirrappreżenta madwar nofs is-settur tal-ICT Sebgħa mill-akbar għaxar kumpaniji tat-telekomunikazzjonijiet fid-dinja huma Ewropej. 43% tad-dħul mis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ġejjin mit-telefonija bil-vuċi fissa u mill-aċċess tal-internet fiss (inklużi s-servizzi tad-dejta kummerċjali), 47% minn servizzi mobbli (vuċi u dejta) u l-10% l-bqija mill-Pay TV[5]. Skont l-Osservatorju Ewropew għall-Informazzjoni Teknoloġika (EITO - European Information Technology Observatory), it-tkabbir fl-2009 kien viċin ħafna iż-żero (it-Tabella 1):

**Tabella 1**

| | | Rata tat-tkabbir | Sehem fid-dħul mis-servizzi tat-telekomunikazzjoni |
|---|---|---|---|
| **Telefonija bil-vuċi fissa u aċċess u servizzi tal-internet** | | -2.5% | 36% |
| | *telefonija tal-vuċi fissa* | *-6.3%* | *24%* |
| | *aċċess u servizzi tal-internet* | *5.6%* | *12%* |
| **Telefonija mobbli bil-vuċi u servizzi mobbli tad-dejta** | | 0.6% | 47% |
| | telefonija bil-vuċi mobbli | *-1.8%* | *36%* |
| | servizzi tad-dejta mobbli | *9.3%* | *11%* |
| **Servizzi tad-dejta tan-negozju** | | 0.6% | 7% |
| **TV bi ħlas** | | 11.7% | 10% |
| **Total tas-Servizzi tat-Telekomunikazzjoni** | (Servizzi carrier) | 0% | 100% |

**Sors: EITO (2009)**

## Broadband

Fl-2009, xi Stati Membri (fosthom, l-Olanda u d-Danimarka) kienu fuq quddiem nett fid-dinja f'dak li jirrigwarda l-penetrazzjoni. Ir-rata medja tal-penetrazzjoni tal-broadband fiss laħqet l-24.8%[6] li tirrappreżenta żieda ta' 2 punti tal-persentaġġ meta mqabbla maċ-ċifri tas-sena ta' qabel, għalkemm ir-rata ta' tkabbir naqset b'aktar minn terz.

[5] Dħul finanzjarju mis-servizzi tat-TV bi ħlas jinkludi dħul totali minn abbonamenti fi stazzjonijiet u servizzi tat-TV bi ħlas (jiġifieri stazzjonijiet primjum u stazzjonijiet tas-satellita, cable, ADSL u pakketti offerti tat-televiżjoni terrestri)

[6] Rata tal-penetrazzjoni bbażata fuq il-popolazzjoni kif kienet fl-1 ta' Jannar 2010

**Figura 1**




Il-maġġoranza tal-linji tal-broadband huma bbażati fuq teknoloġiji xDSL. L-użu ta' broadband ta' kapaċità kbira għadu limitat, b'madwar kwart tal-linji jipprovdu aktar minn 10 megabit kull sekonda (Mbps). L-Ewropa qed taqa' lura fejn jidħol l-aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss. Il-linji bbażati fuq il-fibra sal-binjiet (FTTP – fibre to the premises)[7] jirrappreżentaw biss bejn 1.8% u 5% tal-linji broadband fissi kollha, u dan juri l-ħtieġa li jitjiebu l-kundizzjonijiet għall-użu tan-netwerks tal-aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss (NGAs). Il-prezzijiet bl-imnut naqsu, l-aktar bħala konsegwenza ta' titjib fil-veloċita tal-konnessjoni u ta' pakketti ta' offerti b'rata fissa.

Minn Lulju 2003 is-sehem tas-suq ta' operaturi diġà stabbiliti fis-suq tal-broadband fiss naqas u bħalissa qed jistabbilizza għal 45% (48.3% jekk jiġi inkluż il-bejgħ mill-ġdid). Madankollu, f'xi pajjiżi l-operaturi stabbiliti qed jirkupraw sehem fis-suq. Id-diżaggregazzjoni tal-ħolqa tal-linji lokali (local loop unbundling) kibret (73.7% tal-linji DSL tal-operaturi ġodda, li żdiedet meta mqabbla mad-69.2% f'Jannar 2009) l-aktar b'dannu għall-bejgħ mill-ġdid, li naqas minn 12.9% ta' linji DSL ta' operaturi ġodda f'Jannar 2009 għal 9.4% f'Jannar 2010. Il-ħoloq tal-linji lokali diżaggregati jippermettu lill-parteċipanti sabiex joffru servizzi triple play inkluż it-TV permezz tal-IP.

## Servizzi mobbli

Filwaqt li ħafna mit-tkabbir fis-snin riċenti kien xprunat mill-komunikazzjonijiet mobbli, bħalissa s-settur jinsab f'salib it-toroq. Aktar minn 80% tad-dħul kollu ġej mis-settur mobbli. Madankollu, is-sehem tal-komunikazzjoni bil-vuċi f'termini ta' traffiku qed jonqos b'benefiċċju għas-sehem tal-komunikazzjoni tad-dejta u dan ipoġġi aktar pressjoni fuq il-kapaċità tan-netwerk. Id-dħul mill-internet mobbli jammonta biss għal 4% tad-dħul totali mill-komunikazzjonijiet mobbli. Il-penetrazzjoni medja ta' biljetti (cards) dedikati għall-broadband mobbli qed tikber b'rata mgħaġġla u minn 2.8% f'Jannar 2009 issa laħqet il-5.2%

7 Inklużi l-fibra sad-dar (FTTH – fibre to the home) u l-fibra sal-bini (FTTB - fibre to the building) flimkien ma' soluzzjonijiet tan-netwerk taż-żona lokali (LAN), imma mhux 'l hekk imsejħa teknoloġiji VDSL (Rata tal-Bit Għolja Ħafna DSL – Very High Bit Rate DSL)

(Figura 2). Fil-Finlandja, il-Portugall u l-Awstrija r-rata ta' penetrazzjoni hija aktar minn 15%. Il-konverġenza saret realità u l-operaturi tas-servizzi mobbli qed jadattaw il-mudelli tan-negozju tagħhom hekk kif atturi ġodda bħall-fornituri u l-manifatturi tas-servizzi tal-internet qed jidħlu fis-suq tal-broadband mobbli.

**Figura 2**




## 3. AMBJENT REGOLATORJU

### Il-qafas istituzzjonali

*Indipendenza tal-NRAs*

L-indipendenza tal-NRAs hija ta' importanza vitali għas-salvagwardja tar-regolazzjoni ġusta u effettiva. Il-bżonn li tkun żgurata separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjonijiet regolatorji tal-Istati Membri minn attivitajiet assoċjati mas-sjieda jew il-kontroll ta' operaturi wassal għal proċeduri ta' ksur li għaddejjin bħalissa kontra l-Latvja, il-Litwanja u r-Rumanija.

It-tkeċċija ta' presidenti tal-NRA wasslet lill-Kummissjoni sabiex tieħu azzjoni kontra Stati Membri (ir-Rumanija u s-Slovakkja) u tniedi investigazzjoni dwar il-kriterji li wasslu għat-tkeċċija fis-Slovenja. Il-qafas regolatorju rivedut jitlob li l-Istati Membri jiżguraw li l-kap tal-NRA jista'/tista' jitkeċċa/titkeċċa biss jekk huwa/hija ma jibqax/tibqax jissodisfa/tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-qadi tad-dmirijiet tiegħu/tagħha li huma stipulati minn qabel fil-liġi nazzjonali. Il-Kummissjoni se tkompli tiffoka l-attenzjoni tagħha fuq dan matul il-proċess lejn l-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju rivedut.

*Setgħat u riżorsi tal-NRA*

L-NRAs għandu jkollhom il-poteri kollha meħtieġa biex jaqdu dmirijiethom kif stipulat mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja[8].

Il-qafas regolatorju rivedut jeħtieġ li l-NRAs ikollhom riżorsi finanzjarji u umani adegwati biex iwettqu x-xogħlijiet mogħtija lilhom. Is-sitwazzjoni ekonomika diffiċli trendi l-garanzija ta' riżorsi suffiċjenti dejjem aktar iebsa f'diversi Stati Membri. Minkejja li bosta NRAs jidhru

[8] C-424/07

li huma mgħammra sew biex iwettqu x-xogħlijiet regolatorji tagħhom, f'għadd ta' Stati Membri ġiet irrappurtata l-problema ta' riżorsi limitati.

*Appelli*

L-aċċess għal analiżi ġudizzjarja effettiva tad-deċiżjonijiet tal-NRA huwa dritt fundamentali tal-partijiet kollha affettwati. Ġew irrappurtati bidliet fil-prattika preċedenti wara l-interpretazzjoni ta' 'parti affettwata' mogħtija mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja[9]. Fl-Awstrija, l-NRA issa qed tinvolvi lill-partijiet kollha interessati fil-proċeduri tal-analiżi tas-suq. Fl-Isvezja hemm leġiżlazzjoni ġdida li tippermetti lil dawk kollha involuti fis-suq, kemm fornituri kif ukoll utenti, jappellaw kontra deċiżjonijiet tal-NRA.

Il-ħin u r-riżorsi li jittieħdu minn proċeduri tal-appell jibqgħu sfida serja għar-regolazzjoni effettiva u ċ-ċertezza legali. Dan ġie rrappurtat bħala li huwa l-każ, pereżempju, fil-Belġju, fil-Greċja, fil-Lussemburgu, fil-Polonja, fil-Portugall, fl-Isvezja u fir-Renju Unit. F'ċerti każi, ir-regolaturi huma mħassba li l-għadd ta' appelli u tilwim qed jaffettwa l-pjan ta' ħidma tagħhom.

## Miżuri regolatorji

*Analiżi tas-suq u rimedji*[10]

Filwaqt li xi NRAs komplew bl-analiżijiet perjodiċi regolari tagħhom u/jew indirizzaw il-kwistjonijiet l-aktar problematiċi b'rimedji aktar effettivi magħmula apposta għall-ambjent tal-ġenerazzjoni li jmiss (pereżempju l-aċċess għal ħoloq tal-linji tal-fibra diżaggregati fl-Olanda), regolaturi oħra pproduċew riżultati limitati (pereżempju l-Belġju u l-Lussemburgu). Ir-Rumanija u l-Bulgarija, minkejja l-progress li għamlu, għad iridu jiffinalizzaw l-ewwel analiżijiet tagħhom tas-suq. F'ċerti każi, ir-rimedji se jkun għadda żmienhom meta finalment se jkunu disponibbli, eż. l-ATM bitstream fil-Ġermanja. In-nuqqas ta' ċarezza fir-rimedji jkompli jkabbar id-dewmien tal-użu tagħhom u x'aktarx li jipprovoka tilwim li jkompli jieħu mir-riżorsi tar-regolaturi.

Barra l-mekkaniżmu ta' konsultazzjoni tal-Komunità, il-Kummissjoni tuża l-poteri implimentattivi tagħha u toħroġ Rakkomandazzjonijiet biex issaħħaħ ir-regolazzjoni konsistenti. Se jkun jeħtieġ li r-rwol imtejjeb tal-Kummissjoni fir-rimedji u l-istruttura stabbilita ġdida istituzzjonali li tinsab fil-qafas rivedut ikun sfruttat b'mod effettiv biex tittejjeb il-konsistenza. L-azzjoni f'waqtha tal-Korp tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) hija partikolarment vitali.

*Broadband*

Is-sitwazzjoni kompetittiva fis-swieq tal-broadband reċentement waqfet u, f'xi Stati Membri, saħansitra marret lura. Dan hu parzjalment dovut għal fatt li r-rimedji ma ġewx infurzati b'mod effettiv u fi żmien xieraq. F'xi każi, l-aċċess għal prodotti importanti sar disponibbli biss reċentement, pereżempju DSL li ma għandux bżonn kejbil tat-telefown (naked DSL) fir-Repubblika Ċeka, Ċipru u s-Slovenja jew il-bitsream fis-Slovakkja. L-offerti ta' referenza

---

[9] C-426/05

[10] Ara wkoll il-Komunikazzjoni dwar l-Analiżijiet tas-Suq skont il-Qafas Regolatorju tal-UE (it-3 rapport).

rilevanti, bħal mhuma dawk għall-ADSL jew il-VDSL, xi kultant jittardjaw (pereżempju fl-Italja, fil-Ġermanja, fil-Belġju, fil-Bulgarija jew fil-Lussemburgu).

Ix-xejra attwali tas-suq lejn prodotti offruti flimkien qed taffettwa b'mod sinifikanti d-dinamiki kompetittivi u qed toħloq sfida regolatorja oħra għall-NRAs. Huwa meħtieġ li jiġi eżaminat sa fejn l-aċċess tal-prodotti bl-ingrossa disponibbli jippermetti lill-operaturi alternattivi biex jikkompetu mal-prodotti offruti flimkien ta' min diġà huwa stabbilit fis-suq fuq il-livell ta' bejgħ bl-imnut.

Filwaqt li xi NRAs inkludew il-fibra fis-swieq tal-broadband bl-ingrossa u imponew obbligi (pereżempju l-Olanda, il-Finlandja, il-Latvja u l-Estonja) oħrajn eskludew il-fibra mis-suq jew ma rregolawhiex (pereżempju Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Ċipru, l-Greċja, il-Lussemburgu u l-Isvezja). L-Olanda imponew obbligu tad-diżaggregazzjoni tal-ħoloq tal-linji tal-fibra. Xi NRAs iddiversifikaw ir-rimedji imposti fuq in-netwerks tal-fibra u tar-ram (pereżempju l-Estonja, l-Olanda u l-Finlandja).

Sabiex jitrawwem l-użu tal-NGAs, ittieħdu miżuri leġiżlattivi (pereżempju fil-Portugall, fl-Awstrija, fi Franza u fis-Slovenja) biex ikun faċilitat l-aċċess għall-infrastruttura fiżika u l-qsim tal-faċilità. Barra minn hekk, ħafna NRAs imponew l-aċċess għall-infrastruttura passiva, biex jiffaċilita l-użu tan-netwerk minn operaturi alternattivi (pereżempju id-Danimarka, il-Greċja, l-Estonja, is-Slovenja, il-Portugall, il-Ġermanja, Franza u Spanja). Fi Franza, il-Portugall u Spanja ġew adottati miżuri fir-rigward tal-in-house wiring permezz ta' obbligi simettriċi.

Huma meħtieġa aktar konsistenza, trasparenza u ċertezza legali fil-miżuri regolatorji bħal dawk li jikkonċernaw il-migrazzjoni mir-ram għall-fibra. Minħabba dan, fl-2010, il-Kummissjoni se tadotta Rakkomandazzjoni dwar aċċess regolat għall-NGAs.

*Servizzi mobbli*

Ir-rati ta' terminazzjoni tas-sejħiet bil-mowbajl (MTRs – Mobile Termination Rates) baqgħu neżlin (bi 18.4% meta mqabbel ma' 14.8% fl-2008) iżda xorta b'diskrepanzi sinifikanti bejn l-Istati Membri (Figura 3). Ir-rati huma l-aktar baxxi f'Ċipru (1.95 €ċenteżmi) filwaqt l-Bulgarija għandha l-ogħla rata (12.4 €ċenteżmi). L-MTRs jibqgħu għoljin meta mqabbla ma' rati ta' interkonnessjoni fissa. Id-diverġenzi fit-trattament regolatorju tar-rati ta' terminazzjoni joħolqu tfixkil tal-kompetizzjoni u huma ta ostaklu għall-iżvilupp tas-suq uniku. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni għat-trattament regolatorju tar-rati ta' terminazzjoni għat-telefonija fissa u mobbli[11]. Huwa mistenni aktar tnaqqis meta l-NRAs jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni.

[11] ĠU L 124, 20.05.2009, p. 67.

**Figura 3**


Ħlasijiet ta' interkonnessjoni għat-terminazzjoni tas-sejħa fuq netwerks tal-mowbajl
(medja nazzjonali abbażi tal-abbonaturi)
Medja fl-UE Ott. 2009: 6.70€-ċenteżmi
€-ċenteżmi kull minuta
CY SE AT PL FI UK SI RO FR HU PT DE ES NL DK EL SK IT LT MT EE LV BE CZ LU IE BG
Ottubru 2008
Ottubru 2009
Medja 2009

*Servizzi fissi*

Ġiet imneħħija aktar regolazzjoni fis-swieq tal-bejgħ bl-imnut tas-sejħiet bil-vuċi fir-Renju Unit, fis-Slovenja, fl-Olanda, f'Malta, fi Spanja, fl-Awstrija u fil-Ġermanja. Ir-regolazzjoni fis-suq tal-kiri tal-linji bl-imnut tneħħiet fil-Finlandja, fil-Ġermanja, fir-Repubblika Ċeka u fl-Italja. Fuq il-livell tal-bejgħ bl-ingrossa, it-tneħħija tar-regolazzjoni seħħet fi swieq tranżitorji (l-Isvezja, Spanja u l-Ġermanja) u fis-suq ta' trunk segments ta' linji mikrija (l-Italja, il-Polonja u Spanja) L-azzjonijiet mill-NRAs fir-rigward tat-terminazzjoni tas-sejħiet fissi rriżultaw fi tnaqqis modest fil-livelli tar-rati medji tat-terminazzjoni tas-sejħiet fissi. Madankollu, il-livelli ta' rati bħal dawn xorta għandhom differenti (Figura 4)

**Figura 4**[12]




Id-diverġenzi fir-rati ta' terminazzjoni bejn l-Istati Membri (Figura 5) ma naqsux matul l-aħħar snin. Il-varjazzjonijiet fir-rati ta' terminazzjoni tas-sejħiet fissi qegħdin jiżdiedu bi ftit.

12 Il-livell lokali mhux applikabbli fil-Latvja

**Figura 5**[13]




## Ġestjoni tal-ispettru

*Dividend diġitali*

L-azzjonijiet regolatorji immedjati rakkomandati mill-Kummissjoni għandhom jiffinalizzaw il-bidla mix-xandir analogu għax-xandir diġitali sal-1 ta' Jannar 2012 u jfasslu kundizzjonijiet armonizzati għall-użu tas-submedda 790-862 MHz[14]. Hija meħtieġa azzjoni koordinata biex jinfetaħ l-ispettru tad-dividend diġitali għal servizzi differenti, peress li din toħloq opportunità partikolari għall-operaturi tan-netwerk tal-broadband mingħajr fili biex jiksbu spettru tar-radju importanti ħafna. Dan mistenni jsaħħaħ il-kompetittività fil-forniment tas-servizzi tal-broadband.

Diversi Stati Membri adottaw deċiżjonijiet strateġiċi dwar l-użu tad-dividend diġitali u xi wħud ħabbru l-intenzjonijiet tagħhom dwar l-assenjazzjoni tiegħu. B'mod partikolari, ġie rappurtat li fl-2010 se jsiru rkantijiet tal-ispettru tad-dividend diġitali fil-Ġermanja, ir-Renju Unit u l-Isvezja. Id-Danimarka diġà ħabbret li d-dividend diġitali se jkun użat għal finijiet oħra barra x-xandir, b'mod partikolari l-broadband mobbli, filwaqt li Franza għandha pjanijiet simili.

*Liberalizzazzjoni tal-ispettru*

Kien hemm aktar Stati Membri li ħadu passi biex jintroduċu approċċi abbażi tas-suq għall-prattiki ta' ġestjoni tal-ispettru tagħhom. Id-Direttiva riveduta tal-GSM[15] tipprovdi għall-introduzzjoni ta' servizzi ġodda mingħajr fili li jibdew mis-servizzi UMTS fil-medda ta' 900 MHz. Ħafna Stati Membri ħadu miżuri regolatorji konkreti sabiex jippermettu l-użu tal-meded ta' frekwenza tad-900 MHz u l-1800 MHz għal servizzi li jiddependu minn teknoloġiji oħra apparti l-GSM.

---

13 Il-koeffiċjenti tal-varjazzjoni huwa l-proporzjoni tad-devjazzjoni standard mal-medja
14 COM(2009)586 u COM(2009)8287
15 ĠU L 274, 20.10.2009, p. 25

*Servizzi Mobbli tas-Satellita (MSS)*

Wara Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill[16] dwar l-għażla u l-awtorizzazzjoni ta' sistemi li jipprovdu l-MSS, f'Mejju 2009 tlestiet proċedura tal-għażla tal-Komunità. B'riżultat ta' dan, ġew magħżula żewġ operaturi biex jipprovdu s-servizzi. L-Istati Membri għandhom bżonn jieħdu passi malajr sabiex jawtorizzaw u jimmonitorjaw l-iżvilupp ta' dawn is-sistemi.

## 4. INTERESS TAL-KONSUMATUR

*Veloċitajiet u prezzijiet tal-broadband.*

Ħafna linji tal-broadband fl-Ewropa huma 'l fuq minn 2 Mbps, sehem li qiegħed jiżdied (figura 6). Il-prezzijiet bl-imnut tal-broadband naqsu, għalkemm b'inqas mis-sena ta' qabel. L-utenti qed jirċievu aċċess għall-internet aktar mgħaġġel bl-istess prezzijiet.

**Figura 6**



Sorsi: Stimi tal-KE għall-analiżi tal-linji skont il-veloċitajiet. Id-dejta tal-prezz hija bbażata fuq il-Van Dijk Managament Consultants

*Prezzijiet tas-servizzi mobbli*

Ir-Regolament tar-Roaming[17] naqqas b'mod sinifikanti t-tariffi tar-roaming u tejjeb it-trasparenza tat-tariffi għall-utenti tat-telefonija bil-mowbajl ġewwa l-UE.

Il-prezz medju kull minuta tal-komunikazzjonijiet bil-mowbajl naqas minn €0.14 fl-2007 għal €0.13 fl-2008. Il-kompetittività msaħħa, imtejba permezz ta' regolazzjoni aktar effettiva tar-rati ta' terminazzjoni, wasslet għal tkabbir fl-offerti b'rata fissa u b'hekk naqqset il-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut. L-aktar tnaqqis sinifikanti fil-persentaġġ seħħ fil-Finlandja u l-Latvja (Figura 7), imma l-prezzijiet xorta jvarjaw ħafna minn €0.04 fil-Latvja sa €0.24 f'Malta. Dawn id-differenzi ma jistgħux jiġu spjegati mill-karatteristiċi tas-suq biss u dan jindika li, sa issa, mhemmx suq uniku.

---

[16] ĠU L 172, 02.07.2008, p. 15.
[17] ĠU L 167, 29.6.2009, p. 12.

**Figura 7**




*Prezzijiet Fissi*

It-tariffi tat-telefonija fissa bil-vuċi żdiedu fl-2009. Minkejja xejra ġenerali 'l isfel matul l-aħħar għaxar snin, il-prezz ta' telefonata lokali ta' 3 minuti żdied bi 3.7% fl-2009[18], filwaqt li telefonata nazzjonali ta' 3 minuti żdiedet b' 4.8%. Telefonata lokali ta' 10 minuti żdiedet ftit b' 0.5%, filwaqt li telefonata nazzjonali ta' 10 minuti żdiedet b' 4.1% (Figura 8). Mill-2007, il-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut tat-telefonati lokali iddifferixxew dejjem aktar filwaqt li l-frammentazzjoni għall-prezz tat-telefonati nazzjonali bil-vuċi ma naqsitx maż-żmien (Figuri 9 u 10).

**Figura 8**




---

[18] Metidoloġija OECD

**Figura 9**




**Figura 10**




## Trasparenza fit-tariffi

Diversi Stati Membri saħħew it-trasparenza permezz ta' leġiżlazzjoni ġdida (fosthom ir-Rumanija, il-Portugall, Franza, ir-Renju Unit, Spanja, il-Litwanja, il-Polonja, l-Ungerija u s-Slovenja).

Xi Stati Membri saħħew l-obbligi tat-trasparenza, il-kodiċijiet tal-kondotta jew il-limiti tal-prezzijiet inklużi r-rata tal-primjum u s-servizzi tal-valur miżjud.

Fir-rigward tal-kwalità tas-servizz, ħafna mill-attenzjoni ffukat fuq is-servizzi tal-internet, b'mod partikolari l-veloċitajiet tal-broadband. Xi NRAs (pereżempju d-Danimarka, il-Latvja u l-Greċja) komplew jiżviluppaw għodod tal-IT li jippermettu lill-utenti finali jittestjaw il-veloċitajiet reali tal-broadband tagħhom.

Il-qafas regolatorju rivedut ikompli jsaħħaħ aktar il-ħtieġa li tkun ipprovduta informazzjoni trasparenti dwar il-prezzijiet u l-kundizzjonijiet tas-servizz.

**Servizz universali**

L-azzjonijiet li jittieħdu fir-rigward ta' servizzi universali huma fuq żewġ aspetti. L-ewwel nett, diversi Stati Membri wettqu proċeduri ġodda ta' nomina għall-elementi kollha, jew għal xi wħud minnhom, ta' obbligi eżistenti ta' servizz universali. It-tieni nett, l-Istati Membri ikkunsidraw dejjem aktar li jinkludu s-servizzi tal-broadband fl-ambitu tas-servizz universali. F'għadd ta' Stati Membri, is-servizz universali għadu qed jiġi pprovdut taħt l-iskema tranżizzjonali jew permezz ta' leġiżlazzjoni mingħajr proċedura ta' nomina. Il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li n-nomini jitwettqu malajr. Minkejja li l-għadd ta' rikjesti għal kumpens qed jiżdied, f'ħafna mill-Istati Memrbi l-mekkaniżmu tal-finanzjament għas-servizz universali għadu ma ġiex attivat. Minħabba d-dewmien fi proċeduri amministrattivi, fil-proċeduri tal-qorti jew fl-aġġornamenti tal-metidoloġija tal-kalkolu tal-ispiża netta, il-kumpens permezz tal-fond tas-Servizz Universali huwa biss fis-seħħ fi Franza, fir-Repubblika Ċeka u fir-Rumanija.

Diversi Stati Membri huma inqas stretti dwar obbligi relatati ma' servizzi li huma mogħtija mis-suq jew li huma kkunsidrati li għandhom sinifikanza li qed tonqos. Pereżempju, fir-Republikka Ċeka, l-Estonja, l-Italja, il-Finlandja, l-Irlanda u l-Awstrija mhu qed jittieħed l-ebda impenn għall-provvediment ta' direttorji komprensivi u servizzi ta' tiftix fid-direttorju. Fil-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Isvezja s-servizz universali huwa pprovdut mingħajr nomina formali.

Il-proċedimenti ta' ksur għal implimentazzjoni żbaljata għadhom pendenti kontra l-Belġju, il-Portugall u Spanja. Barra minn hekk, il-mekkaniżmu Daniż tal-finanzjament huwa attwalment taħt skrutinju.

**L-aċċess tal-utenti għall-Internet u l-ġestjoni tan-netwerk**

L-ekonomija diġitali tibni fuq id-disponibbiltà ta' servizzi u applikazzjonijiet innovattivi. Il-qafas regolatorju rivedut isaħħaħ il-ħtiġijiet ta' trasparenza u jipprovdi l-NRAs b'poteri biex jistabbilixxu parametri ta' kwalità tas-servizz sabiex jevitaw id-degradazzjoni tas-servizzi u t-tfixkil jew it-tnaqqis fil-veloċità tat-traffiku In-newtralità tan-net ġiet identifikata bħala argument f'xi Stati Membri, l-aktar fil-kuntest tal-operaturi tal-mowbajl li jew jimpedixxu l-aċċess jew japplikaw strateġiji ddivrenzjati għall-għoti tal-prezzijiet għas-servizzi tal-VOIP. F'xi Stati Membri l-inizjattivi leġiżlattivi biex jipproteġu d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ħolqu dibattitu dwar kif wieħed jista' jsib bilanċ bejn id-drittijiet tal-utenti finali u l-bżonn li jkunu salvagwardjati l-interessi leġittimi tas-sidien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Il-Kummisjoni se żżomm l-iżviluppi taħt skrutinju mill-qrib, f'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew[19].

**Portabbiltà tan-numri**

Il-portabbiltà tan-numri issa tinsab fl-Istati Membri kollha. Iż-żmien u l-livell tat-tariffi huma fatturi importanti ħafna li jaffettwaw il-portabbiltà tan-numri. Ġie introdott jew kien ippjanat tnaqqis sinifikanti fil-limiti ta' żmien (il-Portugall, l-Olanda, is-Slovakkja, il-Polonja u r-Repubblika Ċeka). Il-medja tal-żminijiet sabiex isseħħ il-portabbiltà għal numri tat-telefonija

---

[19] ĠU L 337, 18.12.2009, p. 37-69.

tal-mowbajl u fissa kienet ta' 4.1 ġranet u 6.5 ġranet rispettivament f'Ottubru 2009 meta mqabbla ma 8.5 ġranet u 7.5 ġranet rispettivament f'Ottubru 2008. Jeħtieġ li jkun hemm titjib peress li l-qafas regolatorju rivedut jeħtieġ li l-proċess ta' portabbiltà jseħħ fi żmien ġurnata waħda ta' xogħol.

Figura 11




Figura 12




Filwaqt li f'xi pajjiżi mhemm l-ebda tariffi fuq il-bejgħ bl-ingrossa, fis-Slovakkja l-operaturi jistgħu jitolbu ħlas ta' €50 lil xulxin. Għan-numri tal-mowbajl, seba' Stati Membri ma japplikaw l-ebda ħlas għall-bejgħ bl-ingrossa f'kuntrast mat-tariffi għoljin ta' €33 fis-Slovakkja u €21 fir-Repubblika Ċeka. F'xi Stati Membri anke l-konsumaturi huma mġegħla jħallsu fuq il-livell tal-bejgħ bl-imnut għall-portabbiltà tan-numru. Ħlas bħal dan jiskoraġixxi lill-persuni milli jitolbu għall-portabbiltà tan-numru.

## 112 - in-numru tal-emerġenza Ewropew

Il-Kummissjoni żżomm l-impenn tagħha li tiggarantixxi s-sikurezza taċ-ċittadini Ewropew meta jsiefru barra 'l pajjiż billi tipprovdi n-numru ta' emerġenza 112 disponibbli mal-Ewropa

kollha. Fil-maġġoranza kbira tal-każi, il-forniment tas-servizzi tal-112 issa huwa konformi mal-liġi Ewropea.

Is-servizzi tal-Kummissjoni bħalissa qed jinvestigaw kwistjonijiet f'xi Stati Membri relatati mal-informazzjoni dwar il-post minn fejn tkun qed issir it-telefonata. Hemm ksur li għadu pendenti kontra l-Italja dwar il-forniment tal-informazzjoni dwar il-post minn fejn tkun qed issir it-telefonata.

L-Istati Membri jridu jiżguraw li ċ-ċittadini ikunu infurmati dwar id-disponibbiltà tal-112. Attwalment, wieħed biss minn kull erba' ċittadini fl-UE huwa konxju li jista' jċempel 112 mal-UE kollha. Dan l-aħħar ittieħdu wkoll għadd ta' miżuri fuq il-livell Ewropew sabiex jitjieb l-għarfien pubbliku[20]. Fi Frar 2009, il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddikjaraw il-11 ta' Frar bħala l-'Ġurnata Ewropea għall-112'. Skont ir-Regolament dwar ir-Roaming, l-utenti tal-mowbajl jirċievu SMS dwar id-disponibbiltà tal-112 meta jsiefru barra mill-pajjiż.

Il-qafas regolatorju rivedut isaħħaħ aktar id-dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni dwar il-post minn fejn qed issir is-sejħa u ż-żieda fl-għarfien, u l-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura li ċ-ċittadini Ewropej jieħdu l-benefiċċji sħaħ ta' numru ta' emerġenza uniku Ewropew.

**Privatezza elettronika (ePrivacy)**

Ir-regoli nazzjonali dwar il-privatezza għandhom ikunu adegwati għall-użu fl-ekonomija diġitali ġdida. Il-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur kontra r-Renju Unit għat-traspożizzjoni ħażina tar-regoli tal-UE dwar il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet. Il-kwistjonijiet jinvolvu l-kunsens tal-utent, in-nuqqas ta' sanzjonijiet fil-każ ta' ksur u l-assenza ta' awtorità indipendenti għas-superviżjoni ta' attivitajiet ta' interċettazzjoni Stati Membri oħra qed jieħdu miżuri biex jiżguraw l-integrità u s-sigurtà tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (pereżempju Malta u l-Isvezja) u biex ikattru l-għarfien dwar ir-riskji tas-sigurtà onlajn (is-Slovakkja, l-Olanda u l-Isvezja).

Studju riċenti[21] dwar azzjonijiet li jittrattaw l-ispam, spyware u softwer malizzjuż jikkonferma l-ħtieġa ta' tibdiliet leġiżlattivi li huma inklużi fil-qafas regolatorju rivedut. Dawn it-tibdiliet jinkludu regoli ta' infurzar aktar ċari u konsistenti u sanzjonijiet dissważivi, kooperazzjoni transkonfinali aħjar, u riżorsi adegwati għall-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-protezzjoni tal-privatezza taċ-ċittadini onlajn.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex ittejjeb il-fiduċja u l-kunfidenza tal-konsumatur sabiex ikun jista' jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-ekonomija diġitali tal-UE.

## 5. Konklużjonijiet

Huwa vitali li nqawwu l-isforzi biex nindirizzaw il-kwistjonijiet identifikati f'din il-Komunikazzjoni, sabiex noqorbu aktar lejn suq uniku reali. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi kummerċjali biex il-problemi jiġu ttrattati malajr. Il-

[20] http://ec.europa.eu/information_society/activities/112/index_en.htm

[21] http://ec.europa.eu/information_society/policy/ecomm/doc/library/ext_studies/privacy_trust_policies/spam_spyware_legal_study2009final.pdf

Kummissjoni ukoll se tieħu għadd ta' miżuri mmirati f'konformità mal-Aġenda Diġitali u l-miżuri mfassla dwar l-ispettru, is-servizz universali, it-trattament regolatorju tal-NGAs u l-privatezza:

(1) biex tindirizza d-diverġenzi fl-approċċi regolatorji u n-nuqqas ta' infurzar f'waqtu u effettiv tar-rimedji;

(2) biex tistabbilixxi l-bażi għal implimentazzjoni korretta u f'waqtha tal-qafas regolatorju rivedut u;

(3) biex tiżgura t-tħaddim effettiv tal-Korp tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC).

Dawn il-miżuri, min-naħa tagħhom, se jsaħħu l-kompetittività għall-benefiċċju tal-konsumaturi u se jiżguraw li l-operaturi jaħdmu f'ambjent li jippermettilhom jadattaw il-mudelli kummerċjali tagħhom għal realtajiet ġodda.